MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 178/2013

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Vs**

**Carmel Gialanze' u Jacqueline Gialanze'**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tal-bank attriciipprezentat nhar l-ghoxrin (20) ta' Gunju 2013 fejn talbet lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' hamest elef, mija u disgha u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€5,169.55) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1 sa A3") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta' Gunju 2013 sad-data tal-effettiv pagament, liema *loan* giet moghtija lilhom permezz ta' skrittura privata datata 21 ta' Dicembru 2005 (Dok. "B").

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata (Dok. "B") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Carmel u Jacqueline mizzewgin Gialanze' (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulati fl-imsemmija skrittura, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Marzu 2012 (Dok. "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li giet prezentata fl-20 ta' Settembru 2013 fejn eccepew:

1. *"Illi fl-ewwel lok l-azzjoni tas-socjeta' attrici hija preskritta u dan stante li ghaddew 'l fuq minn hames snin mill-mument meta l-azzjoni odjerna setghet tigi prezentata u llum.*
2. *Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont kif mitlub ma huwiex dovut u dan stante li jirrizulta li l-kapital misluf inizjalment kien inqas minn dak mitlub it-tieni li l-imghax li gie akkumulat qabez b'aktar minn darbtejn l-bilanc li kien ghad fadal.*

*B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi."*

**Graziella Perrone** xehdet fl-24 ta' Ottubru 2013 fejn iddikjarat li hija tokkupa l-kariga ta' Relationship Officer mal-Bank of Valletta. Hija kkonfermat li tiehu hsieb il-kontijiet bankarji tal-konjugi Gialanze'. Hija kkonfermat ukoll li skont is-*sanction letter* li kienet harget fil-21 ta' Dicembru 2005 il-konjugi Gialanze' kienu hadu *loan* mill-bank ta' tlett elef liri maltin, liema *loan* kellha tithallas fi zmien hames snin. Hija spjegat li mensilment kienu jsiru l-pagamenti u dan sa Settembru 2008. Sussegwentement il-konjugi Gialanze' waqfu milli jaghmlu l-pagamenti mensili dovuti minnhom u ghalhekk f'Mejju 2009 il-bank ghamel *call in*. Sussegwentement f'Marzu 2012 il-bank ipprezenta ittra ufficcjali fil-konfront tal-konjugi u f'April 2012 l-istess konjugi ghamlu l-oggezzjoni taghhom. Sussugwentament kien ghalhekk li nfethet il-kawza odjerna. Hija kkonfermat li minn Settembru 2009 l'hawn il-konjugi Gialanze ma ghamlu l-ebda pagament, u kkonfermat ukoll li l-ammont mitlub mill-bank attrici fir-rikors promotur ghadu kollu dovut.

**Rose Cortis** xehdet fis-6 ta' Novembru 2013 fejn iddikjarat li hija tahdem mal-bank attrici bhala *litigation officer*. Saritilha referenza ghall-*istatement of account* esebit fl-atti u mmarkat bhala Dokument ASA3 a fol 4 u dan b'mod partikulari ghal entratura datata 20 ta' Marzu 2012 bhala deposit fl-ammont ta' €51.88. Dan l-ammont kien ammont li kien depozitat go kont *savings* tal-konvenuti stess liema kont kien gie maghluq u ghalhekk il-flejjes kienu gew depozitati f'dan il-kont. Ghalhekk gew kreditati ghal dan il-kont. Hija spjegat li ghalhekk il-konvenuti dakinhar ma ghamlu l-ebda hlas minn naha taghhom. Il-hlas sar direttament mill-bank, billi nghalaq kont u dawk il-flejjes li kien fadal f'dak il-kont kienu gew ikkreditati f'dan il-kont *formerly loan accoun*i. Ghalhekk l-ahhar pagament li ghamlu l-konvenuti stess kif muri f'dan l-istess *statement of account* sar fl-4 ta' Settembru 2008 fl-ammont ta' €75.

Rat illi l-konvenut naqas li jipproduci il-provi tieghu in sostenn tal-eccezzjonijiet sollevati minnu u dan minkejja li din il-Qorti akkordatlu diversi opportunitajiet.

Rat illi ghalhekk it-talba tal-Bank attrici hija gusta u timmerita li tigi konfermata.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qed tilqa' it-talba attrici billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tilqa' it-talba tal-bank attrici u dan billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-bank attrici is-somma mitluba minha fir-rikors promotur fl-ammont ta' hamest elef, mija u disgha u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€5,169.55).**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta’ Marzu 2012 (Dok. “C”) u tal-Mandat ta’ Sekwestru u bl-imghax dekorribli mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali Dok C.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------